



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0225(CNS)

8195/21
ADD 1 REV 1

RECH 175
COMPET 291
IND 102
MI 286
EDUC 142
TELECOM 164
ENER 142
ENV 260
REGIO 55
AGRI 191
TRANS 241
SAN 245
CADREFIN 199
SUSTDEV 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) Nru 2013/743 - Adozzjoni - Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni - Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI GĦAD-DEĊIŻJONI DWAR

IL-PROGRAMM SPEĊIFIKU

Artikolu 14(6) Klawżola ta' ebda opinjoni

"Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u l-ispirtu tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) li tinvoka l-Artikolu 5 (4), subparagrafu 2, punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir f'każ ta' hteġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola ta' prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5 (4), rikors għas-subparagrafu 2, punt b) ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġiżlatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. Filwaqt li l-Kummissjoni tinnotta l-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-rikors għal din id-dispożizzjoni, jiddispjaċiha li din il-ġustifikazzjoni mhix riflessa fi premissa."

DIKJARAZZJONI TAL-POLONJA

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu. 8 TFUE.